**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-13 ta' Jannar 2022**

**Kaz. Nru; 179-42**

**Il-Pulizija-**

**-vs**

**Anthony Galea**

**(Karta tal-Identita' 315169(M))**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Anthony Galea**, iben Carmel u Vincenza xebba Micallef imwieled Pieta' nhar 6 ta' Awwissu 1969 u residenti 93, The Redeemer, Triq il-Parilja, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 315169(M), akkuzat talli:

1. nhar il-15 ta' Marzu 2016 ghall-habta ta' 13:00hrs u fi granet ta' qabel waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' H'Dingli Cliffs, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar, matul l-istagun maghluq ghall-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(c), LS504.71;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg. 12(1) tal-AL 79/2006, hekk kif emendat, LS504.71;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti,

jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha, Reg 4(1)(a) tas-SL504.71;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa projbit taht is-subregolament (1) tar-regolament 7 tal-LS504.71 u dan bi ksur ta' regolament 7(2) tal-LS504.71;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha jew ippruva jiehu xi ghasfur billi uza xi lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur tar-regolament 7(1)(i) tal-LS 504.71;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006.

Rat li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021, il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhom l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tistrieh fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mghotija quddiem il-Qorti tal-Appell;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti, il-prosekuzzjoni ressqet l-affidavits ta' erba' ufficcjali tal-pulizija, partikolarment PC544 D. Micallef; PS645 Jerry Attard; PC1209 E. Grima u PC1043 J. Mallia kif ukoll lil Fiona Burrows, li min-naha taghha pprezentat rapport u filmat li ttiehed minnha. Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li nhar il-15 ta' Marzu 2016 ghall-habta tas-13:00hrs l-pulizija rceviet rapport min-naha tal-Birdlife Malta li kien qieghed isir insib gol-irdum. Minn spezzjoni li saret mill-pulizija rrizulta li fuq il-post (li gie indikat minn Fiona Burrows) kien hemm mansab bl-ixbieki u b'sebgha gabjetti bil-gojjini. Madanakollu l-pulizija ma sabu l-ebda persuna fuq il-post. Fiona Burrows infurmat lill-ufficjali li dawk il-persuni li kienu qeghdin jonsbu telqu minn fuq il-post permezz tal-vettura LAH812 wara li ndunaw bil-prezenza tal-pulizija fuq il-post. L-ufficjali ddikjaraw ukoll li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAH 812 kienet effettivament irregistra f'isem il-qua imputat Anthony Galea. Wara li l-qua imputat gie mitkellem u muri r-ritratti mill-Ispettur C. Sheldon huwa ammetta. Fiona Burrows min-naha taghha spjegat li dakinhar tal-15 ta' Marzu tas-sena 2016 wara nofsinhar hija kienet fl-area ta'

Dingli Cliffs flimkien ma voluntiera ohra, Patricia Mollina Garcia[1], u hemmhekk innotat mansab attiv ghall-gojjini. Spjegat ukoll li hija kienet qed tiddeskrivi dan il-mansab bhala wiehed 'attiv' l-ghaliex kellu xbieki miftuha u mifruxin u l-ghaliex kien imdawwar b'gabjetti b'ghasafar ohra u anke kien jinstemgha *eletronic decoy*. Hija setghet tinnota ukoll li f'dan il-mansab kien hemm xi persuni. Min-naha taghha hija nfurmat lill-pulizija b'dan. Wara li wasslu l-pulizija fil-vicinanzi, Burrows innotat zewgt persuni hergin mid-dura, fejn identifikat lil wiehed minn dawn il-persuni bhala l-qua imputat, Anthony Galea. Burrows iddikjarat ukoll li hija setghet tosserva lil Anthony Galea (flimkien ma persuna ohra) jigbor numru ta' gabjetti minn fuq il-mansab u jdahhalhom fid-dura. Sussegwentament hija osservat lil Galea jitlaq minn fuq il-post (flimkien mal-persuni ohra) permezz ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAH 812 misjuqa minnu stess. In sostenn ta' dan kollu apparti li prezentat rapport imhejji minnha, Burrows ipprezentat ukoll filmat.

Illi min-naha tieghu l-imputat, Anthony Galea, volontarjament ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn spjega li dakinhar u fil-hin indikat fl-imputazzjonijiet huwa kien Dingli Cliffs fuq il-mansab in kwistjoni minkejja li dan ma kienx tieghu izda ta' persuna li kellu l-ghalqa taht l-ghalqa tieghu (imputat). Spjega li huwa ma kienx hemmhekk qed jonsob izda sempliciment gie mistoqsi minn dan il-persuna sabiex jigbor numru ta' gabjetti u wara huwa ta' lift bil-vettura tieghu lil dan l-istess persuna. Madankollu meta mistoqsi sabiex jidentifika lil dan il-persuna huwa spjega li huwa ma jafx min hu ghax kullma rah kien darbtejn ohra u ma rahx izjed ghax qatt ma reggha mar l-ghalqa.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok dina l-Qorti ser tindirizza l-ammissjoni hekk kif irrappurtata fl-affidavit ta' PS 645 Attard. Fl-imsemmi affidavit PS 645 Attard iddikjara s-segwenti:

> *"Nhar l-01/04/2016 l-ispettur C. Sheldon baghat u kellem lil Anthony Galea detentur tal-karta tal-identita 315169m bin Carmelo u Vincenza nee Micallef imwieled il-Pieta nhar 06/08/1969 residenti 93 Triq il-Parilja Santa Venera u uriegh ir-ritratti li kien qieghed jonsob u Anthony Galea ammetta".*

Irid jinghad li l-ufficjal PS 645 ma indikax fl-affidavit jekk Galea giex mitkellem mill-ispettur Sheldon fil-prezenza tieghu. Lanqas ma indika precizament x'ammetta Anthony Galea mal-pulizija. Iktar minn hekk, lanqas ma indika xi drittijiet inghata l-qua imputat qabel gie mitkellem mill-pulizija u jekk l-imputat

[1] Liema xhud il-prosekuzzjoni rrinunzjaw ghaliha l-ghaliex kienet telqet minn Malta.

ghazilx li jezercita dawn id-drittijiet. Irid jinghad ukoll li l-ispettur Sheldon qatt ma tressaq sabiex jiddeponi quddiem il-Qorti u dana minkella li skond is-Surgent Attard kien propju huwa li kellem lil qua imputat. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Onorabbli Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni ma hija ha taghti l-ebda piz lil u ser tiskarta kompletament dina d-dikjarazzjoni hawn fuq citata – u cioe' dik id-dikjarazzjoni fl-affidavit tas-Surgent Attard li l-imputat "ammetta" meta kien mitkellem mill-pulizija.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni kjarament jirrizulta li l-qua imputat, Anthony Galea, kien fuq il-mansab in kwistjoni fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni. Dan lanqas ma huwa kkontestat mill-imputat. Dak li Galea qieghed jikkontesta huwa l-fatt li huwa kien fuq l-imsemmi mansab ghall-insib. Mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta b'mod car li fuq il-mansab kien hemm il-mansab armat bi xbieki li kienu mifruxa u miftuha u mdawwar b'sebgha gabjetti bil-gojjini. Burrows fix-xhieda taghha taghmel referenza ukoll ghal fatt li kien qed jintuza ukoll eletronic decoy. Il-mansab kien armat ukoll vicin dura li fiha ghal diversi mumenti kien hemm numru ta' persuni inkluz l-imputat.

Fis-sentenza deciza fis-16 ta' Mejju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Luciano Mirabitur</u>** fejn gie ddikjarat is-segwenti:

> *Din il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni kemm abbazi tax-xhieda moghtija minn Fiona Burrows u mill-filmat esebit, irnexxielha tiprova din l-imputazzjoni fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-prezenza tax-xbiek mifruxa, tal-gabjetti b'ghasafar hajja fuq dawn ix-xbiek u l-fatt li z-zewg irgiel hargu wicchom mghammad minn kamra li taghti direttament ghal fejn kien hemm ix-xbiek u l-gabjetta sabiex jigbru kemm ix-xbiek u l-gabjetti jikkonferma li l-apparat kien intiz ghat-tehid tal-ghasafar. In oltre, minkejja li mill-filmati ma jirrizultawx persuni ghassa ma gemb ix-xibka lesti sabiex jinqabad jew jinqabdu l-ghasafar, <u>dan ma jfissirx li l-element uman kien nieqes u dan stante li l-kamra kienet vicin ferm fejn kienu jinstabu x-xbieki</u>.* (sottolinear ta' dina l-Qorti).

Ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li, fic-cirkostanzi msemmija iktar qabel, f'dan il-mansab kien qed qeghda issir attivita' ta' insib b'mod attiv. Fatt li lanqas l-imputat ma jinnega jew jeskludi fix-xhieda tieghu.

Illi dak li dina l-Qorti trid tiddetermina huwa jekk l-imputat kienx involut f'din l-attivita' tal-insib jew le. L-imputat fix-xhieda tieghu jghid illi huwa kien hemm mhux biex jonsob izda l-ghaliex is-sid tal-ghalqa taht tieghu talbu sabiex

jigborlu xi gabjetti. Dina l-Qorti ma thossx li dina l-verzjoni hija wahda kreddibli. Fl-ewwel lok dina l-Qorti ma thossx li l-imputat kien kredibbli meta huwa ddikjara li ma jafx lil persuna ta' min kien il-mansab ghax rah biss darbtejn, meta fl-istess nifs jghid li dan l-istess persuna cempillu biex jitolbu jinzel mieghu, meta rikbu fil-karozza mieghu u meta l-persuna l-ohra talbitu l-ghajnuna waqt li kien jigbor il-gabjetti. Di piu' mix-xhieda ta' Burrows jirrizulta li l-qua imputat mhux biss ghen lill-persuna l-ohra inehhi l-gabjetti izda effettivament kien ukoll prezenti fid-dura waqt li kien qed isir l-insib.

> *"After about fifteen (15) minutes two people exited the hide, one of the persons was this man here. In the document i gae to the police, the report, he is suspect (2).*
>
> *Both men started to gather the caged finch decoys from the trapping site."*

Dina l-verzjoni mghotija fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti viva voce hija l-istess verzjoni mghotija fir-rapport imhejji minnha fejn hija identifikat lill-qua impuat bhala 'suspect 2' u tiddikjara s-segwenti:

> *"At around 2.15pm suspect 1 and suspect 2 began removing caged finch decoys from the trapping site and hid them insider the trapping hide."*

Mill-filmat mehud minn Fiona Burrows jirrizulta ukoll carrissimu li l-imputat odjern flimkien mal-persuna l-ohra bdew inehhu l-gabjetti bil-gojjini li kienu mdawwra mal-mansab b'heffa kbira filwaqt li setghu jigu nnotati iharsu madwarhom. Tant hu hekk li kemm l-imputat kif ukoll ukoll il-persuna l-ohra kien ha jaqghu darbtejn. Dan jaghti l-kredibilta lil verzjoni mghotija minn Burrows u cioe' li huma zarmaw u telqu minn fuq il-post ghax osservaw il-prezenza tal-pulizija. Di piu' jirrizulta li kien l-imputat odjern il-persuna li dahal l-ahhar gabjetta fid-dura u ghalaq l-istess dura filwaqt li ghamel ftit mumenti wara josserva l-madwar. L-imputat odjern gie osservat ukoll isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAH812 sabiex jitilqu minn fuq il-post, fejn bhala passigiera kien hemm zewgt persuni ohra. Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-agir tal-imputat kien tali ghaliex huwa effettivament kien qieghed jonsob fl-imsemmi mansab indikat flimkien ma' persuni ohra. U dana fl-ahhar mill-ahhar skond il-verzjoni mghotija minn Fiona Burrows, li dina l-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghaliex ma ghandhiex tistrieh fuq ix-xhieda taghha.

Illi jirrizulta li f'Marzu tas-sena 2016 ma kienx permissibli li jsir insib u dana fid-dawl tal-fatt li permezz tal-Avviz Legali 322 tas-sena 2016 l-istagun tal-insib infetah biss fil-Harifa u cioe' mill-20 ta' Ottubru sal-31 ta' Dicembru 2016.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-ligi l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, Anthony Galea jinsab imputat li uza jew zamm apparat li l-uzu tieghu huwa projbit ai termini tar-regolament 7(1) tal-LS504.71. Fiona Burrows fir-rapport redatt minnha tiddikjara:

> *"At 12.41pm myself (Fiona Burrows) and volunteer Patricia noticed an active trapping site below the cliffs at Dingli. The suspects were inside the hide of the trapping site which had caged finch decoys, electronic callers and nets."*

Fix-xhieda taghha hija tikkonferma dan kollu.

> *"The site was active because the nets were set out and open. The site had decoys of finches, an electronic decoy."*

Kif gia nghad dina l-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghaliex ma ghandhiex tistrieh fuq dina l-verzjoni mghotija minn Burrows, madanakollu dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien effettivament l-qua imputat li qed juza jew li altrimenti kien hu fil-pussess ta l-imsemmi electronic decoy. Dana anke tenut kont li kien hemm iktar min-nassab wiehed fuq l-imsemmi sit. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lil qua imputat minn dina l-imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni, mix-xhieda mghotija minn Fiona Burrows jirrizulta car li l-mansab kien imdawwar b'sebgha gabjetti b'gojjini, li sussegwentament nstabu mill-pulizija fl-ispezzjoni taghhom. Jirrizulta ukoll b'mod car kemm mill-filmat u anke mix-xhieda mghotija mill-imputat stess, li huwa kien qed inehhi l-gabjetti bil-gojjini li kienu mdawwra mal-mansab. B'hekk isegwi li dawn il-gojjini kienu qed jintuzaw bhala lixki ghall-insib li kien qed isir ukoll mill-imputat. L-imputat tant kien konsapevoli ta' dan li huwa gie osservat minn Burrows johrog mid-dura u personalment inehhi uhud mill-imsemmija gabjetti. B'hekk dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha ukoll tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-hames imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat odjern.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 18(1)(c); 12(1); 4(1)(a); 7(2) u 7(1)(i) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, filwaqt li qed tillibera lill-qua imputat Anthony Galea mir-raba' imputazzjoni, qed issib lill-istess Anthony Galea hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed <u>tikkundannah</u> ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1000.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur